**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Neil Harrison**
**Spettur Nicholas Ciappara**
**V**

**JESMOND CASSAR**
**CLAIRE sive CLAIRE LYNTHIA CASSAR**

**Illum 18 ta' Gunju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JESMOND CASSAR** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Emanuel u Mary Anne nee Veneziani, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' Ottubru, 1974 u joqghod 76, Triq il-Knisja, Xghajra, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 509274M, u **CLAIRE sive CLAIRE LYNTHIA CASSAR** ta' tlieta w ghoxrin sena, mart Jesmond, bint Alfred Rosario Borg u Margaret nee Ciantar, imwielda l-Imtarfa nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 1974 u toqghod 76, Triq il-Knisja, Xghajra Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita numru 151774M gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer

matul it-tlett xhur ta' qabel t-tmintax ta' Novembru, 1996 u matul is-sena 1997 u Jannar, 1998;

a. Kellhom fil-pusses taghhom d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi fornew jew pprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga eroina specifikata fl-

ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u minghajr ma kienu fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanufatturaw jew jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c. Talli kkommettew dawn r-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb, jew centru taz-zaghzagh jew f'xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh.

d. Talli **Claire sive Claire Lynthia Cassar** f'dawn il-gzejjer fl-erbgha ta' Settembru, 1997, kkommetiet serq ta' cheque book kif wkoll somma flus ta' bejn il-hamsin u s-sittin lira maltin minn go vann tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni KAE 334 ghad-dannu ta' Jason Degiorgio minn B'Bugia, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa.

e. Talli **Claire sive Claire Lynthia Cassar** f'dawn il-gzejjer fl-erbgha ta' Settembru, 1997 laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jw xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxijhom.

f. Talli **Claire sive Claire Lynthia Cassar** saret recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi simili moghtija lilha mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fit-tmienja ta' Novembru, 1996 minn Awla numru 8 u fis-sittax ta' Dicembru, 1996 minn Awla 8.

g. Talli **Jesmond Cassar** sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija llu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) nhar s-sbatax ta' Gunju, 1992 minn Awla G, nhar il-hamsa ta' Awissu, 1992 minn Awla B, nhar s-sebgha

w ghoxrin ta' Novembru, 1992 minn Awla G, nhar s-sebgha ta' Settembru, 1993 minn Awla B, u nhar s-sebgha ta' Marzu, 1994 minn Awla 9.

h. Talli **Jesmond Cassar** kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-hmistax ta' Frar, 1995 minn Awla B.

i. Talli **Jesmond Cassar** kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar, 1996 minn Awla 1, nhar l-ghaxra ta' Gunju, 1996 minn Awla 5, nhar t-tlieta ta' Frar, 1997 minn Awla 14 u nhar s-sbatax ta' Lulju, 1997 minn Awla 12.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena stabbilita mill-ligi tordna l-imsemmija persuni jhallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom z-zewg Fiats tal-Avukat Generali datati hmistax ta' April, 1998 a fol 20 tal-atti f'isem Jesmond Cassar u a fol 21 f'isem Claire sive Claire Lynthia Cassar u l-kontro'ordni u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Genrali nhar t-tlettax ta' Novembru, 2000 fil-konfront tal-imputat Jesmond Cassar a fol 467 u fil-konfront tal-imputata Claire sive Claire Lynthia Cassar a fol 468.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputata Claire sive Claire Lynthia Cassar tixhed minn jeddha b'mod voluntarju, kif wkoll dawk tad-Difiza ai fini ta' piena.

Rat l-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 2001 fejn l-imputati fil-presenza tal-Avukati Difensuri taghhom ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni da parti tal-imputati, xorta hasset il-htiega li tezamina bir-reqqa kollha l-process sabiex tizen u tgharbel il-provi prodotti kollha.

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta bla dubbju ta' xejn li z-zewg imputati kienu jbieghu d-droga eroina ghal zmien konsiderevoli, cirka sentejn qabel Jannar, 1998, lil diversi persuni kemm fil-lokalita ta' hdejn Putirjal il-Belt Valletta, kif wkoll hdejn d-Detox Centre tal-isptar San Luqa. Dan jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti mix-xhieda ta' Alan Gatt (fol 55 et seq), Terence Grech (fol 59 et seq), Salvu Gauci (fol 49 et seq) u Lee Bromidge (fol 184 et seq tal-atti processwali). Illi dawn ix-xhieda taw spjegazzjoni ta' kif kien isir in-negozju fil-maggor parti u cioe li l-imputati kienu jzommu d-droga fuq il-persuna taghhom, anke fi zminijiet meta d-droga eroina kienet skarsa. Illi ghalhekk l-ewwel zewg akkuzi ta' pussess u traffikar bla dubbju ta' xejn jirrizultaw sodisfacentement ppruvati. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo li mis-*search* li ghamlet fl-appartemant mikri lil imputati fil-presenza taghhom, kien hemm droga u oggetti konnessi maghha inkluz trab kannella go pakkett li kellu markat fuqu n-numru LM5.00.

Dwar t-tielet akkuza u cioe li kkommettew z-zewg reati fuq imsemmija u cioe traffikar u pussess ta' droga f'distanza ta' mitt metru boghod mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh, din tirrizulta wkoll ppruvata mir-relazzjoni tli ppresenta l-espert tekniku nominat mill-Qorti, il-Perit Arkitett Valerio Schembri. Minn ezami ta'

din r-relazzjoni jirrizulta li l-postijiet li gew indikati lilu fejn kienu jsiru n-negozjati tad-droga (liema postijiet gew indikati ill espert minn diversi xhieda, liema xhieda ma gietx kontradetta mill-imputati), instabu li kienu f'distanza iqsar minn mit metru kif previst mill-ligi minn postijiet fejn jiltaqghu z-zaghzagh.

Dwar r-raba akkuza fil-konfront ta' Claire sive Claire Lynthia Cassar u cioe ta' serq ta' cheque book, flus fis-somma ta' bejn il-hamsin w s-sittin lira maltin minn go vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni KAE 336 ghad-dannu ta' Jason Degiorgio minn B'Bugia, jirrizulta mix-xhieda ta' WPS 45 li fit-tmienja ta' Settembru, 1997 instabet fil-pussess tal-imputata waqt s-*search* fuq imsemmi *cheque book* intestat lil Photoqiuck Limited.

**Jason Degiorgio xehed** fit-tlieta ta' Frar, 1999 u stqarr li fl-erbgha ta' Settembru, 1997 huwa kien halla l-vettura tax-xoghol tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KAE 336 pparkjata fi Triq Testaferrata, bil-bieba ta' wara mhux imsakkra.  Wara ftit cempillu l-Ispettur Norbert Ciappara u ghaddihlu c-*cheque book* tieghu li huwa kien halla fil-vettura go *pouch* bi flus kontanti fuq imsemmija go fih.

Illi l-versjoni tax-xhieda moghtija mill-imputata fl-istqarrija taghha u cioe li sabitu fit-triq, xejn ma hija kredibbli u ghalhekk a bazi tat-teorija ta' *recent possession of stolen goods*, il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza hija ppruvata wkoll.

Dwar il-hames akkuza, u cioe dik ta' ricettazzjoni, il-Qorti rat li din inghatat b'mod alternattiv ghar-raba akkuza u peress li din il-Qorti sabet lil imputata Claire sive Claire Lynthia Cassar hatja ta' din r-raba akkuza, ma tistax issibha hatja talli hija recettattusa tal-oggetti li serqet hi stess. Ghaldaqstant, il-Qorti ma thossx lil din l-akkuza tirrizulta ppruvata.

Dwar s-sitt akkuza moghtija fil-konfront tal-imputata Claire sive Claire Lynthia Cassar, u cioe dik ta' recidiva il-Qorti rat s-sentenza esibita mis-Supretendent Nicholas Ciappara fit-tlieta ta' Frar, 1999 b'mod partikolari s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tmienja ta' Novembru, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v Claire sive Claire Lynthia Cassar esibita a fol 316 tal-atti, markata bhala dokument CS, w s-sentenza l-ohra moghtija nhar s-sittax ta' Dicembru, 1996 esibita a fol 319 markata bhala dokument CS 1 u rat li l-imputata ghalhekk hija recidiva. L-imputata Claire sive Claire Lynthia Cassar kienet ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq

provi dwar l-identita taghhom fil-konfront taghha ai fini ta' recidiva kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnax ta' Awissu, 1999. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubbju li din l-akkuza tirrizulta ppruvata.

Dwar s-sebgha akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat Jesmond Cassar, u cioe dik ta' recidiva, il-Qorti ezaminat d-diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati f'diversi okkazzjonijiet li jinsabu esibiti a fol 88 et seq tal-atti processwali. Rat li l-imputat a fol 83 tal-process permezz ta' verbal datat tlieta ta' Frar, 1999 kien ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq provi dwar l-identita tas-sentenzi u ghalhekk ma hemmx dubbju li din l-akkuza tirrizulta wkoll sodisfacentement ppruvata.

Dwar t-tmin akkuza u cioe dik moghtija fil-konfront ta' Jesmond Cassar li kiser il-provediment tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-hmistax ta' Frar, 1995, il-Qorti ezaminat din is-sentenza li tinsab esibita a fol 114 tal-process, markata bhala dokument CSH 4 u rat li nhar il-hmistax ta' Frar, 1995 huwa kien nghata sentenza sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin. Rat li l-akkuzi fuq imsemmija li dwarhom l-imputat qed jinsab hati saru f'dan

il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed ssibu hati ta' din l-istess akkuza.

Dwar d-disgha akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat Jesmond Cassar, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha is-sentenza moghtija nhar l-ghaxra ta' Ottubru, 1996 markata bhala dokument CSH 2 a fol 92 tal-atti, fejn l-imputat kien nghata Probation Order ghal perjodu ta' sentejn f'liema perjodu l-imputat ma setghax jikkommetti reat iehor, dik moghtija nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar, 1996, markata bhala dokument CSH 3 a fol 104 tal-atti processwali, fejn l-imputat kien nghata Probation Order ghal perjodu ta' tlett snin u sentenza ohra moghtija nhar t-tlieta ta' Frar, 1997 esibita a fol 134 markata bhala dokument CSH 5 fejn l-imputat kien nghata Probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Rat li l-imputat Jesmond Cassar b'verbal registrat fl-atti tas-seduta tat-tlieta ta' Frar, 1999 kien ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq prova dwar l-identita tas-sentenzi u li r-reati fuq imsemmija fihom sehhew f'dan il-perjodu ta' Probation. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhix dubbju li din l-akkuza tirrizulta ppruvata wkoll.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikajra li qed ssib lil imputat JESMOND CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu filwaqt li ssib lil imputata CLAIRE sive CLAIRE LYNTHIA CASSAR hatja tasl-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni minn liema akkuza qed tilliberha.**

Dwar il-piena il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha r-relazzjoni tal-Probation Officer u dik tal-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri u thoss li ghandha tittratta mal-imputati b'mod diistint u separat stante c-cirkostanzi tal-kaz ma humiex l-istess.

L-imputata **Claire sive Claire Lynthia Cassar** ghandha l-fedina penali taghha esibita f'dawn l-atti a fol 16. Minn ezami ta' din l-fedina penali jirrizulta li hi fis-sena 1993 kienet instabet hatja ta' kontravenzjoni dwar ksur ta' bon ordni u paci pubblika u giet mmultata tletin lira maltin amenda. Fit-tmienja ta' Novembru, 1996, instabet hatja ta' pussess ta' droga fejn giet moghtija Probation u f'Dicembru, 1996 ghal darb'ohra, instabet hatja ta' pussess ta' droga fejn giet mmultata mitejn lira maltin.

Illi ghalhekk l-imputata donnha ma tghallimtx mill-esperjenza li kellha mal-Qorti u gharfet tisufruwixxi mill-beneficcju moghti lilha

permezz tal-ordni tal-probations, ghaliex ghal darb'ohra tinsab tikser dufrejha mal-Qorti.

Il-Qorti esaminat il-*pre sentencing report* tal-Probation Officer Marietta Lanzon. Minn ezami ta' r-rapport jirrizulta li l-imputata ilha bil-problema tad-droga ghal divers snin. In oltre, ghandha wkoll problemi socjali fis-sens li hija zzewwget lil imputat Jesmond Cassar xi sitt xnin ilu meta huwa kien ghadu kif spicca l-kors ta' rihabilitazzjoni mit-tossikodipendenza tad-droga. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li qed jghixu man-nanna paterna. Kemm ilha li tilfet il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u cioe li ilha fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, l-imputata ghamlet progress fl-imgieba taghha u fil-fatt donnha helset mid-dipendenza li kellha fuq id-droga, tant li llum mhux qed tiehu methadone. Dan nonostante ma jfissirx li l-Qorti ghandha tkun klementi maghha molto piu meta tqis li hija diga nghatat cansijiet minn Qrati ohra u ma bbenefikatx minnhom.

Id-Difiza qed ssostni li l-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 ghaliex svelat s-sors minn fejn kienet tixtri d-droga. Il-Qorti pero, bir-rispett kollu ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-imputata kixfet s-sors taghha salv meta xehdet viva voce l-Qorti nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2001. Minn

apprezzament ta' din x-xhieda pero jirrizulta li l-persuni li semmiet huma l-istess persuni li semmiet fil-proceduri li kien hemm fil-konfront ta' Grazio Calleja. Minn imkien ma jirrizulta li din ix-xhieda b'xi mod ghenet lil Prosekuzzjoni taqbad spaccatur tad-droga.

Il-Qorti pero gharblet ix-xhieda li tat l-imputata minn fejn b'mod voluntarju ammettiet t-traffikar tad-droga Eroina. Stqarret wkoll li kienet taghmel hekk sabiex ssostni l-vizzju mishut li kellha tad-droga hi. Il-Qorti temmen li l-imputata ma kienetx qed tistana mit-traffikar izda li kienet qed taghmel dan sabiex tissodisfa z-ziena taghha ghad-droga. Dan nonostante, pero l-Qorti tikkundanna dan l-agir u taht l-ebda cirkostanzi ma hi ser tiggustifka ghemilha. **Fic-cirkostanzi thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja u ghalhekk qed tikkundanna lil istess Claire sive Claire Lynthia Cassar ghal piena karceraja ta' sentejn. Iz-zmien li l-imputata ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz m'ghandhux jitnaqqas minn dan il-perjodu.**

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti l-ghajnuna kollha mehtiega lil imputata **Claire sive Claire Lynthia Cassar** sabiex tibda l-kors ta' rihabilitazzjoni stante li jidher mill-atti li hija motivata.

Fil-konfront tal-imputat **Jesmond Cassar**, il-Qorti rat l-fedina penali tieghu li tidher li hija mimlija reati fosthom li nstab hati ta' serq, pussess ta'droga, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, ricettazzjoni u pussess ta' arma fost numru kbir ta' kontravenzjonijiet ohra. Fil-fatt minn Dicembru, 1991 sa Mejju, 1999 hemm ghoxrin *conviction*. Huwa nghata diversi cansijiet, forsi fil-fehma ta' din il-Qorti, wisq, multi, probation orders u suspended sentences, pero dan nonostante l-imputat reggha kiser dufrejh mal-Qorti u ghandu jiffaccja l-gustizzja. Ghalkemm inghata probation sebgha darbiet, dan nonostante l-imputat ma tghallimx u fil-fatt wera x-xewqa jew ahjar l-insistenza li jibqa fit-triq tal-kriminalita. Zgur li ma gharafx jisufruwixxi ruhu minn dawn ic-cirkostanzi.

Il-Qorti ezaminat r-relazzjoni tal-Probation Officer markata bhala dokument MF minn fejn jirrizulta li sabiex jiehu d-droga huwa kien jisraq. Huwa nnega mal-Probation Officer li kien jittraffika fid-dorga ghalkemm il-Qorti ammetta din l-akkuza. Skond l-Probation Officer ma jidhirx li l-imputat kellu xi problema partikolari fuq sahhtu f'zghozitu.

Fil-fehma tal-Psikjatra pero jirrizulta li Jesmond Cassar jbati minn disordni tal-personalita u din taffettwa l-istil ta' hajja tieghu u konsegwenza ta' droga huwa jbati minn *mental and behaviour disorder due to opiates and other illicit substances*. Dawn il-fazijiet ikun presenti meta l-imputat jiehu d-droga u meta jieqaf jiehu d-droga l-imgieba tieghu tirranga. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputat irid jibqa kkontrollat sabiex jehles mill-problema tad-droga li ghandu sabiex wara possibilment, l-imputat jghaddi programm ta' rihabilitazzjoni. L-imputat diga nghata diversi cansijiet sabiex jibda programmi ta' ditossifikazzjoni kif fil-fatt beda, pero motivazzjoni ma tantx kellu tant li qatt ma kompla jsegwihom.

**Il-Qorti ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi piena karcerarja hija l-piena idoneja u ghalhekk qed tikkundanna lil imputat JESMOND CASSAR ghal piena karcerarja ta' tlett snin. Oltre dan qed tordna li s-sentejn prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hmistax ta' Frar, 1995, jigu rezi operattivi. B'hekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu ta' prigunerija komplessiva ta' hames snin.**

**Il-Qorti tordna li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz ma jitnaqqasx mill-piena inflitta fuqu llum.**

**In oltre tikkundanna lil imputata Claire sive Claire Lynthia Cassar ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin li ghandha tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin bl-ewwel pagament ikun dovut fil-hmistax ta' xahar wara li tiskonta s-sentenza nflitta u lil imputat Jesmond Cassar ghal hlas ta' multa ta' elf lira maltin li ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin bl-ewwel pagament dovut fil-hmistax tax-xahar ta' wara li jkun skonta s-sentenza fuq imsemmija u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali lil imputat Jesmond Cassar jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra tal-espert Psikjatra Doctor Joseph Spiteri u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mir-Registratur tal-Qorti u tordna li l-imputati Jesmond Cassar u Claire sive Claire Lynthia Cassar jhallsu l-ispejjes inkorsi in konnessjoni mal-hatriet tal-espert tekniku AIC Valerio Schembri u r-relazzjonijiet minnu**

**maghmula in konnessjoni ma dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati mir-Registratur tal-Qorti.**

**Consuel Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**